**– OBBLIGAZZJONI KUNTRATTWALI –**
**– ADEMPIMENT U INADEMPIMENT –**
**– ART. 992 TAL-KODICI CIVILI –**
**– PRINCIPJI TA' KORRETTEZZA U BONA FIDI F'KUNTRATTAZZJONI –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **101 / 2016**

**IMPEL COMMUNICATIONS COMPANY LIMITED**
[REG. NRU. C-36517]

***VERSUS***

**GERARD ATTARD U ROMINA ATTARD**
[K.I. NRU. 116080M U 443283M B'MOD RISPETTIV]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-22 ta' Marzu, 2016 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti ihallsuha l-ammont ta' tlett elef, hames mija u erbghin ewro (€3,540.00c) li jirrapprezentaw servizzi ta' reklamar moghti mill-istess attrici lill-konvenuti fuq inkarigu taghhom. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, kif ukoll l-imghaxxijiet legali.

Bi twegiba ghall-pretiza attrici, l-konveuti ressqu Risposta datata 22 ta' April, 2016 (*a tergo* ta' *fol*. 8) fejn, in succinct, eccepew hekk:

1. is-servizzi u l-prodotti mibjugha u maghmula mill-attrici ma sarux skond is-sengha u l-arti;

2. il-konvenuti qatt ma taw struzzjonijiet biex jixxandar ir-reklam li sehh kontra s-sengha u l-arti, liema riklam ixxandar ad insaputa tal-konvenuti u fi granet li qatt ma gew komunikati lilhom;

3. l-attrici qatt ma pproduciet fattura lill-konvenuti bid-dettalji ta' l-istess riklam.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Mejju, 2018, f'liema udjenza l-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 (*a fol*. 102) u sussegwentement l-istess gie differit ghad-decizjoni ghall-udjenza tal-lum (*a fol*. 103).

It-Tribunal ezamina l-provi dokumentarji mressqa u ra l-atti kollha tal-proceduri;

It-Tribunal jikkunsidra;

L-odjerna kontiza hi dwar il-hlas ta' servizzi ta' promozzjoni u reklamar prestati mill-attrici lill-konvenuti dwar l-operat kummercjali ta' dawn ta' l-ahhar. L-attrici qed tfittex sabiex tithallas ta' tali prestazzjoni taghha, filwaqt li l-konvenuti qed jghidu li tali servizzi ma gewx effettivament moghtija kif maqbul bejniethom u li l-istess ma kinux skond l-arti u s-sengha u li ghalhekk m'hemm xejn x'jithallas lill-attrici.

Fattur important f'dawn il-proceduri huwa l-ftehim li gie konkjuz u ffirmat bejn il-kontendenti dwar is-servizzi ta' reklamar in kwistjoni, denominat "*Booking Order Agreement*" datat 6 ta' Settembru, 2014 (*a foll*. 17–18). Dan l-istrument jikkaratterizza l-vinkolu li jorbot lill-partijiet, li jaghtih s-sembjanza ndiskussa ta' rabta kontrattwali. Huwa dan il-mezz ta' prova, alkwantu fundamentali, li jistabbilixxi s-sisien ta' din il-kawza, ghax apparti li jiddentifika r-relazzjoni t'indoli kontrattwali li tghaddi bejn il-partijiet *de quo*, jiddefinixxi l-modalità tal-legam instawrat beniethom u jiddeskrivi l-oggett tal-prestazzjonijiet reciproci u l-obbligi rispettivi. Il-ftehim tas-6 ta' Settembru, 2014 huwa wiehed *pro forma* u huwa mifrux fuq tlett (3) pagni.

L-ewwel faccata tieghu (*a fol*. 17) tista tigi deskritta bhala wahda generika u introduttiva. Din turi d-dettalji tal-klijent, ossia tal-konvenuti (*ez*. isem il-klijent u/jew ir-rapprezentant tieghu, numru tal-karta ta' l-identità tal-klijent, numru tal-VAT tal-klijent, indirizz postal u dak elettroniku tal-klijent u n-numru tat-telefon jew tac-cellulari tal-klijent). Fil-bidu ta' din il-faccata hemm miktub hekk: «*The Client is confirming via this agreement to advertise on any of IMPEL Communications productions according to the below rates and terms. The shows are produced by Impel Communications of which the company is responsible for part of the advertising space as allocated in this booking order. Both sides are to abide by the regulations and in accordance to the Maltese Laws*».

Fil-porzjon ta' fuq tat-tieni faccata tal-ftehim (*a tergo* ta' *fol*. 17) hemm muri d-dettalji tal-kumpannija li ser tippresta s-servizzi lill-klijent, ossia l-attrici (*ez*. isem ir-rapprezentant tal-kumpannija, numru tat-telefon jew tac-cellulari tieghu u l-*e-mail* tieghu). Fir-rimanenti porzjon ta' tali faccata hemm dettalji dwar in-natura, kwantità u/jew il-konsistenza tas-servizzi li ser jigu moghtija lill-klijent. Hawnhekk nsibu li s-servizzi ta' reklamar kienu jammontaw komplessivament ghac-cifra ta' tlett elef ewro

(€3,000.00c) u li kienu ser jidhru fuq il-programm televiziv bl-isem ta' "ELLE" u li d-distribuzzjoni ta' dawn ir-riklami, ta' tletin (30) sekondalwiehed, kien mifrux fuq medda ta' sitta u ghoxrin (26) gimgha konsekuttivi waqt l-imsemmi programm televiziv (i.e., 26-il riklam ta' 30 sekonda l-wiehed).

It-tielet faccata tal-ftehim (*a fol*. 18) titkellem dwar it-termini u kundizzjonijiet tal-kontrattazzjoni, *inter alia*, li l-prezz ta' €3,000.00c (li mieghu kellu jigu inkluzi €540.00c bhala VAT) kellu jithallas interament sa l-ahhar ta' Marzu, 2015, li "*The production of any TVC commercial is to be handed by the advertiser to Impel Communications at least a week prior the desired air-date to guarantee on-time issuing*" u li "*Impel have the liberty to air and place the adverts in any way they deem fit*". Tali faccata taghlaq bl-intestatura «Confirmation of agreement» li tahtha hemm id-data tal-ftehim, il-firma tal-konvenut Gerard Attard u l-karta ta' l-identità tal-firmatarju.

Hawnhekk tinfetah parentezi zghira biex jinghad illi fil-kors tal-proceduri inqalghet il-kwistjoni ta' l-awtenticità tal-firma tal-konvenut Gerard Attard, peress li dan sostna li fuq l-imsemmi ftehim "*ma jidhirlux li l-firma hija tieghu*" (*a fol*. 14). F'dan is-sens inhatar espert kalligrafiku biex jistabbilixxi "*jekk il-firma fid-dokument appena prezentat hijiex tal-Konvenut jew le*"(*a fol*. 14).[1] Eventwalment, fir-rapport ta' l-espert (*a foll*. 29–43) hemm konkjuz illi l-firma kienet effettivament tal-konvenut Gerard Attard: «*L-Espert Grafiku sottofirmata ghalhekk tikkonkludi li fl-opinjoni taghha, il-firma in kwistjoni hija fil-fatt awtentika ta' Gerard Attard (116080M).*» (*a fol*. 33). Fid-dawl ta' hekk (abbinat mal-fatt li Gerard Attard ma baqax, proceduralment, jikkontesta tali konkluzjoni ta' l-espert peritali)[2], it-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax l-indikat ftehim bhala sottokritt minnu u, allura, vinkolanti.

---

[1] Il-prezenti kwistjoni kienet tipprezenta definizzjoni ta' aspetti teknici li jmorru lil hinn mill-gherf ordinarju tat-Tribunal. Infatti jinsab affermat illi, "*Il bisogno di ricorrere a uomini esperti nei vari rami dello scibile umano è per illuminare i giudici sopra fatti o questioni che esigono cognizioni particolari*." (**LUIGI MATTIROLO**, "Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano", 4ª ed., 1894; Vol. II; §961, p. 815). Kif affermat, fost bosta ohra, *in re* **Mark Zammit v. Strand Electronics Limited** (Appell Inferjuri, 22 ta' Mejju, 2009), "*l-perizja hi mezz ta' prova oggettiva sija ghall-Qorti u sija ghat-Tribunal*." Ghalkemm hu minnu illi Qorti jew Tribunal m'humiex marbuta li jaccettaw il-konkluzjonijet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni taghhom nfushom (*ex* Art. 681 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), però daqstant iehor hu wkoll konkordament ricevut u accettat illi "*dan ma jfisserx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raguni tista' tiskarta konkluzjoni ta' perit minnha nominat*" (**Anthony Cauchi v. Carmel Mercieca**, Appell Civili, 6 ta' Ottubru 1999). Kif issokta jigi precizat, "*il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami*" (**Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe**, Appell Civili, 29 ta' Mejju 1998). Ghalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalità sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta' provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux. Inoltre, l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u l-konkluzjonijiet tal-perit huma irragjonevoli (ara, fost ohrajn, **Angelo Micallef v. Carmel Bonanno**, Prim'Awla, 29 ta' Novembru, 2007).

[2] Fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 2017 hemm registrat li d-difensur tal-konvenuti "*iddikjarat li qieghda takkwixxi ghall-konkluzjonijiet peritali*." (*a fol*. 48).

Issa, tali ftehim ma jistax jigi kkunsidrat wahdu *a se stante* minghajr ma wiehed jevalwah fid-dawl ta' dak li sehh bejn il-kontendenti u jiznu fid-dawl tal-grajja fattwali minnhom individwalment esperjenzata.

F'dan il-punt tinhass il-htiega li ssir is-segwenti rimarka. Ghalkemm huwa mistenni li l-avversarji fi procediment gudizzjarju bhal dan ser iressqu verzjonijiet kuntrastanti, kwazi dejjem ikun hemm xi fatturi jew xi element qalb il-matassa ta' provi rakkolti li tikkorrobora verzjoni jew ohra.[3] Madanakollu, l-esperjenza turi li dan mhux dejjem hekk. Jezistu cirkostanzi processwali li jirrendu din id-diffikultà razenti l-impossibbli u dan huwa meta l-provi migjuba mill-kontendenti hi skelettrika u skarna. Hu ferm difficli ghall-gudikant li jrendi l-meritata gustizzja ghall-kaz quddiemu meta jinsab di fronti ghal zewg verzjonijiet soggettivi divergenti u bla ebda korroborazzjoni probatorja t'indoli oggettiva. Il-kaz odjern huwa wiehed minn dawn.

L-unika prova mressqa mill-attrici, lil hinn mill-ftehim fuq deskritt, kienet ix-xhieda tar-rapprezentant taghha, Jean Claude Micallef, li ta l-isfond tal-grajja.[4] Bazikament, Micallef sostna li l-konvenuti huma marbuta li jadempixxu dak deskritt fil-ftehim u li l-fatt li r-riklam ma ixxandarx fuq il-programm televiziv kien dovut solament ghan-nuqqas tal-konvenuti milli jghaddulu l-filmat relattiv. Ghalhekk, qatt ma intwera r-riklam ghax l-konvenuti ma poggewx lill-attrici f'posizzjoni li taghmel hekk. Xorta wahda l-attrici tezigi li l-kontrattazzjoni tigi rispettata mill-konvenuti u li, allura, jithallas lilha l-ammont mifthiem.

Da parti tal-konvenuti – u alkwantu b'manjiera diversa minn kif iddecidew li formalment jikkontestaw il-kawza (ara eccezzjonijiet taghhom *supra*) – dawn sostnew[5] illi r-riklami qatt ma xxandru mill-attrici l'ghaliex l-istess attrici qatt ma kreat u gibdet il-filmat il-gdid li kienet promettiet li taghmlilhom ghall-imsemmi programm halli jixxandar fih. Ghalhekk, il-konvenuti jikkontendu li m'ghandhomx ihallsu t'oggett li qatt ma sehh u ta' servizz li qatt ma gie pprestat.

Dwar l-imsemmi riklam li kellu jigi pubblicizzat waqt il-programm televiziv immexxi mill-attrici il-posizzjonijiet tal-partijiet huma rispettivament dawn: skond l-attrici il-filmat kellu jinghata mill-konvenuti lilha, gja' konfezzjonat u lest, izda dan ma sarx, filwaqt li skond il-konvenuti – ghalkemm kellhom fil-pussess taghhom filmat ta' riklam antik – ir-riklam kellu jinhadem mill-gdid mill-attrici sabiex ikun ta' kwalità adegwata biex jixxandar fuq il-programm (ara affidavit ta' Romina Attard *a fol*. 50 u xhieda ta' Gerard Attard *a fol*. 97).

---

[3] Hekk kif inghad mill-qrati taghna, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata).

[4] Deposizzjoni fl-udjenza ta' l-4 ta' Lulju, 2016 (*a foll*. 19–20).

[5] *vide* deposizzjoni ta' Romina Attard *a fol*. 50 u ta' Gerard Attard *a foll*. 67–68 u *a foll*. 97–101.

Tali filmat gdid ma jissemma mkien fil-ftehim tas-6 ta' Settembru, 2014 *eccetto* ghal dik il-parti tal-ftehim li tghid hekk: "*The production of any TVC commercial is to be handed by the advertiser to Impel Communications at least a week prior the desired air-date to guarantee on-time issuing*" (*a fol*. 18). Il-ftehim ma jikkontemplax il-kreazzjoni ta' filmat gdid. Mid-dehera din kien aspett li thalla ghall-intendimenti bil-fomm bejn il-partijiet kif dezunt mix-xhieda tal-konvenuti.

Jidher li ghadda kliem bejn il-partijiet li mhux imnizzel fil-ftehim ta' bejniethom. Dwar hekk, ghandu jinghad li huwa l-ftehim bl-iskritt li jorbot u mhux dak l-intendiment li parti tahseb li kellha mal-parti l-ohra. Dan jiswa kemm ghall-attrici u kemm ghall-konvenut. Jekk il-konvenuti riedu li l-attrici twettaq filmat gdid tan-negozju, servizzi u prodotti taghha kien doveruz ghalihom li jikkristallizaw dan mhux biss bil-fomm izda b'xi forma skitta ghax, kif saput, "verba volant, scripta manet". Ghalkemm gew prodotti xi skambji ta' *e-mails* bejn il-partijiet,[6] l-istess jikkoncernaw fatti sussegwenti ossia *e-mails* li ntbghatu wara li xxandar l-programm (meta kollox kien fatt kompjut). Jekk kien hemm xi *e-mails* ohra li kienu jaqghu fil-perjodu ta' meta l-programm televiziv kien ghadu qed jigi mxandar, dawn baqghu mistura f'dan il-procediment.

Hawnhekk it-Tribunal jhoss necessarja din l-osservazzjoni. Il-principju konsagrat fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond liem min hu tenut jiggudika ghandu l-obbligu jaghmel hekk "iuxta allegata et probata", jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi offerti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tad-difiza u tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja ghall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku ihaddan massimi Latini[7] bhal "quod non est in actis non est in mundo",[8] "secundum

---

[6] *vide* dokumenti ezebiti *a foll*. 70–71 u *a foll*. 94–96.

[7] Referenza ghal massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman sehhew ghax, kif maghdud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni N° 122 riportata f'*Kollez*. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, *inter alia*, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).

acta et probata non secundum privatam scientiam"[9] u "non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii".[10] Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat minn **AURELIO SCARDACCIONE** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p.8) meta jghid illi, "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo.*" Awtur iehor, **CARLO LESSONA** ("Trattato Delle Prove in Materia Civile", UTET 1927; Vol.I, §45, p.59), jasserixxi li, "*la scienza personale del giudice, da lui già posseduta od acquistata stragiudizialmente intorno ai fatti sui quali si controverte non è legittima fonte di prova, perchè la legge non la contempla; perchè anzi, pel sistema della legge, il giudice non conosce i fatti se non quali glie li presentano le parti*." Dan hu hekk precizament ghax, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona*" (*cfr.* **GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007; p.269). Riflessjoni ta' dan it-taghlim dottrinali jinsab fid-decizjoni domestici *in re* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005);[11] *in re* **Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia** (Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009);[12] *in re* **F. Advertising Limited v. Simon Attard et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010)[13] fost diversi ohrajn.

B'dan kollu registrat, it-Tribunal jikkunsdra ulterjorment hekk kif gej;

---

[8] *traduz.*: dak li mhux ezebit fl-atti processwali, ma jezistix ghall-gudikant.

[9] *traduz.*: skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant.

[10] *traduz.*: mhux dak li jaf personalment il-gudikant, izda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiggudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza.

[11] "*tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*."

[12] "*it-Tribunal ghal dawk li huma l-fatti li fuqhom irid jiddeciedi, jridu jirrizultaw mill-atti u l-gudikant ma jistax juza jew jaghmel riferiment ghal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirrizultawx mill-atti tal-kawza*."

[13] "[min hu tenut jiggudika ghandu] *jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvincenti.*"

Hawnhekk ninsabu fil-kamp ta' l-adempiment ta' obbligazzjoni prekostitwita bejn tnejn min-nies. Obbligazzjoni kontrattwali, min-natura taghha u implicitament fiha, tipresupponi, u taghti lok ghal, l-adempiment taghha. Il-konsegwenza negattiva, ossia n-nuqqas f'tali kondotta, tissarraf fl-inadempiment, dik li dottrinalment hi deskritta bhala "*la mancata o inestatta esecuzione della prestazione dovuta*".[14] Fuq wicc ta' l-istess munita ghandna l-adempiment u fuq il-wicc l-iehor ghandna l-inadempiment.

L-adempiment jikkonsisti f'ezekuzzjoni a favur tal-kreditur tal-prestazzjoni dovuta mid-debitur. L-adempiment jestingwi l-obbligazzjoni u cioè l-kreditur jkun sodisfatt u d-debitur jisfa liberat mill-vinkolu. Biex dan ikun hekk, l-adempiment irid ikun ezatt u cioè konformi ghal dak indikat a bazi ta' l-obbligazzjoni bejn il-partijiet; intier u cioè konformi ghan-normi mifthema, generici jew specifici, ta' kwalità u kwantità; fil-post jew fiz-zmien previsti ghall-adempiment ta' l-obbligazzjoni.[15] Min-naha l-ohra, l-infrazzjoni ta' l-adempiment taghti spazju ghall-inadempiment kontrattwali, ossia id-devjazzjoni fil-kondotta ta' kontraent di fronti ghal dak il-programm stabbilit fil-legam li jorbot il-kontraenti. Tali devjazzjoni taf tirrigwarda l-entità tal-prestazzjoni (taghti jew taghmel anqas minn dak kontrattat); il-mod (taghti jew taghmel aghar minn dak kontrattat); jew iz-zmien (tonqos milli taghti jew taghmel fil-hin dak mifthiem).[16]

F'tali xenarju, entrambi l-kontraenti huma, fl-istess zmien u waqt, debitur u kreditur fil-konfront ta' xulxin. Fil-kaz prezenti, l-attrici kienet kreditrici tal-konvenuti ghax minghandhom tistenna li tithallas ghas-servizzi li ntrabtet illi twettaq u fl-istess hin kienet debitrici taghhom ghax assoggettat lilha nnifisha li taqdi l-ezigenzi tal-konvenuti. Hi, kienet debitrici (f'sens wiesa' tal-kelma) tal-konvenuti ghax kien minnha mistennija certa prestazzjoni in adempiment ta' dak li hi talvolta kienet tippretendi li tithallas tieghu. Il-konvenuti jinsabu fl-istess posizzjoni, ossia kienu, fl-istess mument, kredituri u debituri di fronti ghas-socjetà attrici. Kienu debituri taghha ghax assoggettaw ruhhom li jhallsu prezz ghal servizzi li kellhom jinghataw lilhom. Kienu wkoll kredituri taghha ghax minghandha kienu qed jistennew u jippretendu li jinghataw is-servizz lilha kkummissjonat.

Fi kliem iehor, l-attrici kienet debitrici tal-konvenuti kredituri fis-sens li hi kellha tadempixxi dawk l-obbligi assunti fil-ftehim tas-6 ta' Settembru, 2014 u cioè li tirreklama n-negozju gestit mill-konvenuti fuq medda ta' zmien imxandar fuq skeda ta' programm televiziv bl-isem ta' "ELLE". L-attrici kellha taghmel 26-il *television commercial* (TVC) b'durata ta' tletin (30) sekonda l-wiehed. L-adempiment ta' tali obbligu kien jaghmel lill-attrici kreditrici tal-konvenuti debituri fl-ammont ta' €3,540.00c (VAT inkluza) skond l-istess ftehim. Il-konvenuti kienu kredituri ta' l-attrici

[14] **Luigi Viola**, "Inadempimento Delle Obbligazioni" (CEDAM editori, 2010; p. 69).
[15] Ghal approfondiment ara **Luigi Viola** (*ibid*., p.67 *et seqq*.).
[16] Ghal studju ulterjuri fuq din il-materja ara "La Risoluzione Per Inadempimento" ta' **Marco Rossetti** (Giuffrè editori, 2012; p. 99 *et seqq*.).

debtrici fis-sens li huma kellhom jircievu minghandha dak pattwit fl-indikat ftehim u cioè pubblicità tan-negozju minnhom immexxi fuq programm televiziv. In kontro-kambju ta' l-adempiment ta' tali prestazzjoni da parti ta' l-attrici, l-konvenuti kienu debituri taghha fl-ammont imsemmi aktar kmieni. Mela allura naraw kif l-obbligi tal-partijiet kienu katenati flimkien u inter-dipendenti, ossia sitwazzjoni, jew xenarju, li entrambi l-partijiet kienu qed jippretendu u jezigu xi haga – ghalkemm f'forom diversi – minghand xulxin. L-attrici li tippresta servizz lill-konvenuti bil-ghan li tithallas tieghu minghandhom u l-konvenuti li jinghataw dawk is-servizzi mill-attrici u jhallsu ghalihom.

Spezzettat hekk tali xenarju minn ottika teoretika, wiehed idawwar harstu lejn il-fatti tal-vicenda odjerna. Wiehed jibda billi jiddomanda jekk is-servizzi kontrattati bejn il-partijiet *de quo*, u li taghhom l-attrici qed tezigi li tigi kumpensata u mhallsa, twettqux u nghatawx mill-attrici lill-konvenuti skond dak bejniethom pattwit. Stabbilit dak, wiehed imbaghad jghaddi biex jara aspett iehor divers, cioè ghalfejn il-konvenuti qed jirrezistu li jadempixxu l-kontroprestazzjoni taghhom li jhallsu lill-attrici ghall-imsemmija servizzi.

Effettivament – u bhala fatt oggettiv, konkordat bejn iz-zewg partijiet u li johrog mill-provi akkwiziti – ir-riklami kontemplati fil-ftehim bejn il-partijiet qatt ma ixxandru. Kif gja' inghad *supra*, skond l-attrici dawn ma xxandrux ghax il-konvenuti naqsu milli jghaddulha l-filmat relattiv u skond il-konvenuti, l-attrici qatt ma ghamlet il-*filming* tar-riklam il-gdid u allura r-riklam ma harigx. Minn dan tohrog il-mistoqsija: ghandhom allura l-konvenuti jhallsu lill-attrici ta' oggett li effettivament ma sarx? (certament ma kienx hemm 26-il riklam ta' 30 sekonda l-wiehed li jippublicizza l-kummerc u negozju tal-konvenuti). It-twegiba ta' l-attrici hija, naturalment, fl-affermattiv ghax in-nuqqas kien tal-konvenuti li jimxu mal-pattwizzjoni bl-iskritt. Ir-risposta tal-konvenuti hi, ovvjament, fin-negattiv ghax – frott in-nuqqas ta' *filming* ta' riklam gdid mill-attrici – ir-riklam tal-kummerc u negozju taghhom qatt ma ixxandar u qatt ma kien hemm id-deziderata pubblicità.

Kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet (*ex* Art. 992 Kodici Civili[17]) u jiehu hajja proprja meta jkun hemm il-qbil dwar it-termini u kundizzjonijiet fih imnizzla.[18] Fil-ftehim tas-6 ta' Settembru, 2014 hemm espressament imnizzel illi, "*The production of any TVC commercial is to be handed by the advertiser to Impel Communications at least a week prior the desired air-date to guarantee on-time issuing*" (*a fol*. 18). Abbinat ma' tali klawsola u kwazi ezatt warajha, hemm dik il-kundizzjoni li tistipula hekk: "*By signing this agreement/booking order I confirm that I have read and understood*

[17] Art. 992 tal-Kodici Civili jghid hekk: "*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom*."
[18] *vide* decizjoni ta' dan it-Tribunal datata 2 ta' Lulju, 2018 *in re* **Charles Seisun v. Joseph Vancell et** li, *inter alia*, titkellem dwar it-tematika ta' meta l-awtonomija u l-volontà tal-partijiet tigi mnizzla f'kuntratt vinkolanti li jiehu hajja proprja.

*these Terms & Conditions and to abide by the agreed commitment*" (*ibid*.).[19] Fi kliem iehor, din l-ahhar stipulazzjoni kienet tindika li l-konvenut Gerard Attard kien qieghed volontarjament u liberament jintrabat ma' dak li kien hemm provdut u indikat fil-ftehim u li kien qed jassoggetta ruhu ma' dak kontenut, inkluz dik l-istipulazzjoni precedentement citata li titkellem dwar l-ghotja ta' *television commercial* (TVC) deziderat li jigi muri fil-programm televiziv.

Ghalkemm jista' jkun li kien ghadda xi kliem dwar il-gbid ta' filmat ta' riklam gdid, kien doveruz fuq il-konvenuti li jaraw li jonoraw l-istipulazzjoni kontrattwali misjuba fil-ftehim.[20] Huma kellhom, jew javvicinaw lill-attrici bil-filmat li kien gja' fil-pussess taghhom sabiex jigi publicizzat skond il-pattwizzjoni jew inkella jishqu fuq l-intendiment bil-fomm li kien hemm bejniethom dwar ir-riklam il-gdid. Minn dawn iz-zewg alternattivi jidher li l-konvenuti m'ghamlu xejn. Kien kompitu tal-konvenuti, wara li ffirmaw il-ftehim, li jiehdu hsieb li hwejjighom jigu reklamati kif huma xtaqu u li jsegwu ezattament x'kien qed jigri fil-programmi televizivi.[21] Il-provi huma ghal kollox siekta dwar dan u minn imkien ma jidher li waqt li kien ghaddej il-programm, kien hemm xi ilment jew xi rimarka da parti tal-konvenuti ghall-fatt li l-attrici ma kiinitx qed turi xi riklam kif kontemplat fil-ftehim tas-6 ta' Settembru, 2014. Tali inattività u passività pperdurat ghal skeda shiha tal-programm (i.e. diversi xhur) u certament kien hemm lok, hin u opportunità fejn il-konvenuti setghu jintebhu u jippruvaw jirregolaw is-sitwazzjoni. Jekk il-konvenuti effettivament ressqu xi ilment, kien doveruz fuqhom f'dawn il-proceduri li jressqu provi adegwati dwar dan u mhux solament jistriehu fuq il-verzjoni proprja taghhom bla ebda korroborazzjoni ta' xejn.[22] Huwa sew maghruf fid-Dritt illi parti li qed taghti l-verzjoni taghha "*articola i fatti, ma ciò non basta, e tutto ciò che essa allega come vero non costituisce che una pretensione interessata, non già una testimonianza. Le pruove debbono sempre essere prese al di fuori di tali allegazioni. In una parola, la qualità di testimonio e quella di parte non possono qui separarsi*" (*cfr*. **AUGUSTE SOURDAT**, "Trattato Generale della Responsabilitá", Napoli 1853; Vol. I, §347, p.428). Anke d-duttrina forensi aktar qrib zminijietna thaddan l-istess perspettiva appena riportata. Insibu

---

[19] Jigi mfakkar li, "*Il-klawsoli f'kuntratt ghandhom jigu interpretati wahda bl-ohra, u lil kull wahda ghandu jigi m oghti s-sens li jirrizulta mill-att intier*." (*in re* **Francesca Curmi et v. Aristide Pizzuto**, Prim'Awla, 31 ta' Ottubru, 1935). L-istess inghad fid-decizjoni *in re* **Giovanni Sciortino v. Wisq Rev. Don Filippo Bonnici** (Prim'Awla, 29 ta' Marzu, 1960) u cioè li, "*il-kuntratt, sabiex jigi rettament interpretat, irid jigi vizwalizzat fl-interità tieghu, u mhux a spizziku*." Ghalhekk, klawsola f'kuntratt ma tistax tittiehed wehidha u/jew *a se stante* izda "*Le singole clausole contrattuali perciò devono essere esaminate in correlazione tra loro, e valutate alla luce delle esigenze che sono destinate a soddisfare*." (*cfr*. **GIORGIO BIANCHI**, "Il Contratto Di Vendita", UTET Giuridica, 2009; p. 35).

[20] Parti li tiffirma kuntratt minghajr ma tkun taf il-kontenut tieghu jew tiffirma b'leggerezza tassumi r-responsabbilità tat-traskuragni taghha (ara f'dan is-sens **Godwin Navarro v. Saviour Baldacchino**, Prim'Awla, 28 ta' Frar, 2003).

[21] Fil-kontro-ezami tieghu l-konvenut Gerard Attard kien sostna li hu ma kienx joqghod jara meta jibda' u meta jispicca l-programm (*a fol*. 100)

[22] Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghall-ilmenti li kienu qed jigu mressqa lill-prezentatrici tal-programm (Thea Saliba). Tali prezentatrici qatt ma tressqet biex tixhed u lanqas ma gew ezebiti kopji tal-*Facebook posts* li jsemmu l-konvenuti fil-verzjoni taghhom (ara *a fol*. 67 u *a fol*. 100).

ritenut illi, "*Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*." (*cfr*. **Giorgio Bianchi**, "La Prova Civile", CEDAM 2009; p.172).[23]

Ma' dak appena maghdud, it-Tribunal izid jghid ukoll illi ghalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal mhux marbut bir-regola dwar l-ahjar prova [kif kontemplat taht l-Art. 9(2)(b) Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta] – u ghalhekk jista' jitgharraf b'kull mod li jidhirlu xieraq dwar il-mertu tal-kawza – madanakollu dan ma jiddispensax lill-parti interessata koncernata milli tadduci provi idoneji in sostenn tat-tezi taghha (*vide* **Emanuel Borg et v. Anna Clews et**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009). Fil-kawza *in re* **George Muscat noe v. Anton Zammit et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Frar, 2017) gie osservat li, "*Statements generici m'humiex provi sufficjenti, u l-ekwità ma tistax taghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' provi*." Sa zmien pjuttost ricenti, id-decizjoni *in re* **Middlesea Insurance plc v. Waldorf Auto Services Co Ltd et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2017) ittenni tghid illi, "*għalkemm it-Tribunal għandu jiddeċiedi l-kawżi quddiemu prinċipalment abbażi tal-ekwità, ovvjament il-kawżi quddiemu xorta għandhom jiġu deċiżi a bażi tal-provi li kull parti tkun ressqet*." L-istess identiku kliem hu misjub fid-decizjoni *in re* **A.I.M. Enterprises Limited v. U.C.I.M. Co Ltd et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Novembru, 2017).

M'ghandux ikun skontat il-hsieb li «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikoxxi tali posizzjoni b'mod awtomatiku. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm diversa minn dik rejali, u allura hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw u jigu sinkronizzati. Dan isehh permezz tal-provi li jitressqu f'litigju. Dan m'hu xejn gdid izda hu kuncett antikissimu, hekk kif rifless fil-massima ta' "quod non est in actis, non est in mundo" ukoll imsemmija katar kmieni.[24]

Dan kollu jmur biex juri li kien doveruz fuq il-konvenuti li mhux biss ifornu spjegazzjoni tal-grajja kif minnhom esperjenzata u jistennew lil min ser jiggudika l-kaz biex jikkunsidraha, *in vacuo*, bhala plawsibbli jew kredibbli, izda li

---

[23] Agguntivament, fid-decizjoni *in re* **Audrey Murphy et v. Mark Anthony Murphy** (Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 2015) inghad hekk: "*bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet*."

[24] Principju dan li jinsab dettat fis-sentenza, fost ohrajn, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Appell Kummercjali, 10 ta' April, 1995 riportata f'Kollez. Vol.LXXIX-II-876).

jakkumpanjawha, jsostnuha u jikkorroborawha b'mezzi probatorji ohra u xierqa. Mill-atti jidher li l-konvenuti kienu f'posizzjoni jaghmlu dan izda ghazlu li jistriehu fuq il-kelma taghhom biss.

Min-naha l-ohra, l-ammont ta' €3,000.0c kien jikkontempla l-prestazzjoni ta' servizz komplet u shih da parti tal-kumpannija attrici, haga li harget cara minn dawn il-proceduri li ma sehhitx. Tali ammont kien jirrispekkja l-korrispettiv ta' adempiment t'obbligu intier u sodisfacenti di fronti ghall-ezigenti tal-klijenti u ghalkemm jidher li l-klijenti ma attivawx ruhhom, lanqas ma jirrizulta li l-attrici ghamlet xi haga sabiex tissollecitahom biex jikkolmaw xi nuqqas li kienu qed juru. Dan kellha taghmlu aktar u aktar meta wiehed jikkunsidra – kif sostna d-direttur tas-socjeta' attrici – illi l-ispazju relattiv ma inghatax lil terzi jew ma giex rimpjazzat b'riklam ta' haddiehor b'rispett lejn il-kontrattazzjoni ta' bejniethom. Micallef sostna hekk: "*Nghid li jiena dal-hin li kien allokat ghall-konvenut bqajt ma bieghajtux lil terzi ghax kieku ghamilt hekk kont immur kontra l-ftehim li kelli mal-konvenut*" (*a fol*. 20). Ghalhekk, b'rispett ghall-ftehim li kellha mal-konvenuti, kien doveruz ukoll ghall-attrici li tigbed l-attenzjoni taghhom li dak mifthiem ma kienx qed jigi mwettaq minhabba certu cirkostanzi (karenza ta' filmat). B'hekk jigu rispettati n-normi ta' korrettezza u ta' bona fidi insita fil-legam li kien jorbothom.

Il-kuntratt (interpretat f'sens wiesa') jiggenera bejn il-partijiet, awturi liberi tieghu, vinkolu guridiku u tali legam guridiku jipproduci effetti li jitraxxendu l-volontà tal-partijiet, liema effetti jridu jigu minnhom subiti u liema effetti – salv kazijiet eccezzjonali – ma jistghux jigu respinti. Dan hu hekk l'ghaliex il-kuntratt jimplika akkordju, cioè l-volontà tal-partijiet li jaccettaw programm specifiku definit f'regolament kontrattwali minnhom imfassal u li ghalih jissottoskrivu. Ghalhekk, il-kuntratt huwa "*un'operazione economica con cui due o più persone intendono soddisfare in un modo che deriva da una scelta, soggettiva ma condizionata da circostanze materiali ed istituzionali, i loro gusti liberamente formati, e in cui possono accordare le rispettive soddisafazioni nella misura in cui lo scambio incrementa l'utilità marginale di ciascuno, non però necessariamente in misura massima, e non necessariamente nella stessa misura.*" (*cfr*. **Aurelio Gentili**, "Senso e Consenso", Giappichelli ed. 2015; Vol. I, p. 324).

Madanakollu, l-akkordju bejn il-partijiet ma jistax jitraxxendi u jissorvola l-komportament rett tal-partijiet ta' kif ihaddmu l-kontrattazzjoni fir-realtà. Il-pattwizzjonijiet skritti ma jistghux ma jigux kommizzurati mad-debita bona fidi ezercitata mill-kontraenti, li ghandhom jimxu b'manjiera mhux biss egoistika izda wkoll b'attitudni altruwistika, b'harsien ghall-interessi tal-kontraent l-iehor.

Dan it-Tribunal, kif presjedut, digà kellu l-opportunità li jitkellem fil-fond dwar il-kuncetti ta' korrettezza u ta' bona fidi f'kontrattazzjonijiet, hekk kif rifless fid-decizjoni tat-2 ta' Lulju, 2018 *in re* **Charles Seisun v. Joseph Vancell et**. Ma' dak misjub fl-

appena citata decizjoni, jizdied jinghad dak li affermat il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana (sentenza n. 2284 tal-15 ta' Marzu, 1999), u cioè li, "*diritti e obblighi, seppure specificatamente regolati da norme che li prevedono, non possono mai prescindere dall'osservanza dei principi di correttezza e di buona fede, operanti all'interno delle posizioni soggettive, non potendo l'autore di un comportamento scorretto trarre da esso utilità con altrui danno* […] *Ne consegue che il dovere di correttezza è operante in ogni forma di responsabilità, e, quindi, segnatamente anche in tema di responsabilità contrattuale* […] *In tema di esecuzione del contratto, la buona fede si atteggia come un impegno od obbligo di solidarietà, che impone a ciascuna parte di tenere quei comportamenti che, a prescindere da specifichi obblighi contrattuali e dal dovere extracontrattuale del neminem laedere, senza rappresentare un apprezzabile sacrificio a suo carico, siano idonei a preservare gli interessi dell'altra parte*."[25] Fi kliem iehor, in-normi ta' korrettezza u ta' bona fidi jippervadi kwalsiasi rapport interkorrenti bejn tnejn jew aktar min-nies li huma vicendevolment vinkolati b'xi mod u manjiera. Tali principji huma ntizi bhala rekwiziti etici bazilari fil-kondotta tal-partijiet f'kull rapport obbligatorju, ossia bhala kriterji ta' reciprocità, finalizzati, in sostanza, biex izommu r-rapport guridiku ezistenti bejn il-partijiet f'binarju wiehed, gust, ekwilibrat u proporzjonali. B'dan rilevat, tali principji jsejhu lill-kreditur biex jiehu qies ta' l-interessi tad-debitur u, fl-istess waqt, jirrikjamaw l-attenzjoni tad-debitur ghall-interessi tal-kreditur.

Ghalhekk, fl-isfond ta' dak fuq rilevat, it-Tribunal jemmen li entrambi l-partijiet wrew nuqqasijiet f'din il-grajja. Min-naha, ghalkemm iffirmaw ghal certu termini u kundizzjonijiet, il-konvenuti hadu atteggjament alkwantu passiv u jidher li attivaw ruhhom biss meta gew imsejjha biex ihallsu. Min-naha l-ohra, l-attrici kienet kuntenta li tistrieh fuq il-ftehim bla ma tissenjala li l-istess ma kienx qed jigi onorat u fl-ahhar tippretendi hlas shih ta' servizzi qatt moghti. Inoltre, l-attrici qatt ma uriet il-pregudizzju li garrbet jew li setghet soffriet (dejjem jekk kien hemm) illi l-ispazju rizervat ghar-riklam tal-konvenuti ma giex uzat u, allegatament, thalla inutilizzat.

Kunsidrat kollox u l-partikolarità tal-fatti ta' din il-vicenda, in forza ta' dik il-gustizzja ekwitattiva rivestita f'dan it-Tribunal, l-istess jemmen li t-talba attrici m'ghandhiex tigi akkolta fl-ammont mitlub. Kif gja puntwalizzat, ic-cifra ta' €3,000.0c kienet tikkontempla l-kumpens ghal prestazzjoni ta' servizz komplet u shih da parti tal-attrici versu l-konvenuti (haga li ma sehhitx kif muri hawn fuq). Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ikun ferm ingust li xi hadd – anke jekk teknikament wera xi nuqqasijiet – jigi kundannat ghall-adempiment shih meta l-parti l-ohra wriet hi wkoll certa inerzja.

Ghalhekk, fid-diskrezzjoni ekwittativa ta' dan it-Tribunal u *arbitrio boni viri*, l-attrici ghandha tircievi terz ($^1/_3$) ta' dak minnha domandat f'dawn il-proceduri, u cioè elf

---

[25] *cfr*. **LUIGI VIOLA**, "Inadempimento Delle Obbligazioni" (CEDAM editori, 2010; p. 124). Ara wkoll **GIORGIO BIANCHI**, "Il Contratto Di Vendita" (UTET Giuridica, 2009; p. 34).

ewro (€1,000.00c) li magħhom tiżdied it-taxxa fuq il-valur miżjud (i.e., €180.00c). Kif jaraha dan it-Tribunal, iċ-ċifra ta' €1,000.00c għandha sservi ta' kumpens xieraq u adegwat għall-attriċi li fir-realtà ma xandret l-ebda riklam u ma wriet li ġarrbet l-ebda dannu ekonomiku minħabba li l-ispazju fuq il-programm televiżiv ma ġiet użat kif mifthiem. Ukoll, tali ċifra ta' €1,000.00c għandha tirrispekkja l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenuti kif fuq deskritt.

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq, jilqa' t-talba ta' l-attriċi limitatament għas-somma ta' elf ewro (€1,000.00c), li magħhom tiżdied it-taxxa fuq il-valur miżjud, bl-imgħax fuq l-ammont ta' €1,000.00c dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri – minħabba n-natura tal-każ, l-fatt li l-pretiża attriċi ma ġietx akkolta fl-ammont oriġinarjament propost u b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta – għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Ġudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Reġistratur*